# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta’ Nhar it-Tnejn 5 ta’ Dicembru 2016**

**KawzaNumru :19**
**RikorsNumru :962/2015/JPG**

**Stephan Heilmann (ID 0054344A)**

**VS**

**Tipico Co Ltd (C 34286)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Stephan Heilmann (ID 0054344A), datat fid-9 t’Ottubru 2015, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrent, Stephan Heilmann kien ilu impjegat mas-socjeta’ intimata ghal ftit anqas minn sitt snin, sa minn Awissu tal-2009 fil-kariga ta’ “Head of Marketing” b’kuntratti ffirmat bejn il-partijiet hawn anness u mmartkat “DOK SH 1”.*

2) *Illi maghtul iz-zmien, ir-rikorrent gie promos mill-kumpanija u kienu diversi d-drabi li nghata promozzjoni anke b’zieda fil-paga.*

3) *Illi fl-2011 r-rikorrenti nghata zieda sostanzjali fil-paga ghal-€62,000 fis-sena (dan apparti d-dritt li jippartecipa fi skema ta' bonus) u gie promos fir-rwol ta' "Head of Online Marketing (vide DOK SH 2);*

4) *Illi fis-7 ta' Jannar tal-2013 il-kuntratt ta' impjieg gie emendat bi qbil bejn il-partijiet, tant illi r-rikorrent rega' ha zieda sostanzjali fil-paga din id-darba ghal €75,000 fis-sena (apparti d-dritt li jippartecipa fi skema tal-bonus) – vide DOK SH 3.*

5) *Illi f'April tal-2013 ic-Chief Marketing Officer (CMO) tal-istess socjeta' intimata irrizenja minn mal-kumpanija u b'hekk kien hemm l-bzonn li din il-persuna tigi sostitwita. Dak iz-zmien gew introdotti zewg interim CMO's biex jissostitwixxu is-CMO li kientelaq.*

6) *Fl-istess perjodu taz-zmien bdew isiru diskussjonijiet mar-rikorrent sabiex f'Awissu tal-2013 saret laqgha bejn ic-CEO tas-socjeta (is-sur Jan Bolz), iz-zewg interim CMO's u r-rikorrent fejn gie spjegat lir-rikorrent isir "Director of Marketing" u cioe' jigi promos ghal grad iehor fil-kumpanija u fl-istess waqt jerga jibbenifika minn meljorament fil-kundizzjonijiet tax-xogholtieghu;*

7) *Illi din id-diskussjonisaret fil-kuntest illi l-pretazzjoni tar-rikorrent kienet wahda tajba hafna tant illi kien jircievi tihfir minghand diversi persuni fil-kumpanija, kemm mill-azzjonisti stess u ohrajn, bhal per ezempju kif johrog car f'ittra ta' rekkomandazzjoni mibghuta mic-Chief Marketing Officer (CMO) tas-socjeta Frank Hermann datata 20 ta' Mejju 2013 (annessa u mmarkata bhala DOK SH 4) fejn ic-CMO fahhar ix-xoghol u l-kwalitajiet tajbin tar-rikorrent meta qal "Stephan always meets our expectations in every respect, and we are extreemely satisfied with his services."*

8) *Illi wara li r-rikorrent ikkunsidra dan, il-partijiet kienu qablu illi din il-promozzjoni tinghata lir-rikorrent b'dan illi jigi fis-sehh ftit xhur wara u dan minhabba illi l-kumpanija kellha bzonn ftit hin biex torganizza l-istruttura taghha internament;*

9) *Illi dan il-ftehim gie kristallizzat permezz ta' emenda bil-miktub f'Addendum iehor ghall-kuntratt ta' impieg, liema Addendum gie iffirmata bejn il-partijiet fis-16 ta' Awissu 2013 (hawn anness immarkat "DOK SH 5").*

10) *Illi permezz ta' dan l-Addendum rega kien hemm zieda sostanzjali fil-paga (ara Klawzola 1.1 tal-istess dokument) din id-darba ghas-somma ta' €90,000 fis-sena, b'dan illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi r-rikorrent kien ser ikollu zieda akbar meta l-promozzjoni miftiehma ghall-kariga ta' Direttur tigi fis-sehh.*

11) *Illi wara li l-partijiet waslu ghal dan il-ftehim ir-rikorrent kien mitlub jiffirma kopja tal-Addendum,*

12) *Illi Klawzola 2.1 tal-Addendum tghid illi:*

*"2.1 The Employer has the intention, provided the Employee's performance and development is to the Employer's full satisfaction, to promote the Employee to Director of Online Marketing by June 2014."*

13) *Illi l-Klawzola sopracitat turi bic-car illi fil-kaz li r-rikorrent baqa jsostni l-prestazzjoni u l-livell tax-xoghol tieghu fi hdan is-socjeta' ghas-sodisfazzjon shiha tal-istess socjeta', l-intenzjoni, u cioe' l-ftehim kien car u mnizzel iswed fuq l-abjad bil-miktub, li r-rikorrent kien gie promos bhala Director of Online Marketing u dan kellu jidhol f'effett sa qabel Gunju tal-2014.*

14) *Illi fil-kuntest tad-diskussjonijiet u t-trattivi dwar dan l-Addendum, l-intenzjoni kienet wahda cara li l-promozzjoni kienet a "done deal"u li din kienet ha tkun biss formalita' li kella tigi ttardjata minhabba ragunijiet ta' struttura interna. In fatti dan ukoll huwa car mill-fatt illi flimkien mal-weghda ghal-promozzjoni, ir-rikorrent inghata z-zieda fis-salarju ta' madwar hmistax il' elf (€15,000) per annum liema zieda kellha sservi bhala tipo ta' 'down payment' ghaz-zieda ulterjuri fis-salarju li kien imissu r-rikorrenti biex jigi in linja mad-Diretturi l-ohra la darba kien jigi promoss.*

15) *Illi ghal kull buon fidi, il-kumpanija jew id-dirigenti taghha fl-ebda moment ma taw stuzzjonijiet ulterjuri lir-rikorrenti dwar xi performance targets li huwa kellu jissodisfa sabiex jigi promos. Bil-kuntrarju kien miftiehem gja mill-bidu illi huwa kien gie promos ghal Direttur (b'dan illi jigi fis-sehh ftit xhur wara) u Ghaldaqstant sakemm huwa jibda jaqdi d-dmirijiet tieghu u jibqa bil-prestazzjoni tajba tieghu ma tibqax wahda tajba ghas-sodisfazzjon tal-kumpanija li l-promozzjoni setghet ma tigix fis-sehh;*

16) *Illi in vista ta' din l-intenzjoni u l-weghda li kienet sahansitra kristallizzata fil-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent permezz tal-Addendum, l-istess rikorrent in buona fede kompla jaqdi d-dmirjiet tieghu bl-akbar diligenza u dedikazzjoni lejn xogholu fi hdan is-socjeta'.*

17) *Illi r-rikorrent mhux talli ma kellu ebda problema ta' natura dixxiplinarja, izda sahansitra kellu 'performance reviews' (anness u mmarkat bhala DOK SH 6 u DOK SH 7) datati 2013 u 2014b'rizultati eccezzjonali b'puntegg ta' 105/100 u 103/100 f'diversi oqsma u objettivi tax-xoghol tieghu li jkompli jixhdu u jservu ta' prova carat al-prestazzjoni ferm sodisfacenti tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol.*

18) *Illi tajjeb jinghad illi li impjegat jinghata puntegg li jeccedi il-100 juri illi l-kumpanija hija ferm ssodisfata bil-pretezzjoni tal-individwu. Illi dan johrog car mill-policy tal-kumpanija stess (annessa u mmarkata bhala DOK SH8) li tipprovdi hekk:*

> *"Keep in mind that 100% (on target) in our common understanding is a very good performance. According to policy, Results relevant to employee's job and level consistently achieved to the full. Sometimes results exceed performance expectations."*

19) *Illi ghalqastant ir-rikorrent ma kellu ebda raguni ghalfejn jiddubita illi l-promozzjoni kief mwieghda lilu ser tigi fis-sejj sa' Gunju 2014;*

20) *Illi izda f'Mejju 2014, il-Kumpanija intimata habbret il-promozzjoni ta' persuna ohra u cioe' tal-Head of Department iehor ghal kariga ta' Director, li kienet kariga fl-istess livell ta' dik mwieghda lir-rikorrent Stephan Heilmann.*

21) *Illi konxju ta' dan il-fatt, ir-rikorrent kellem lil-istess CEO u lmenta dwar il-fatt illi filwaqt li hu kien mwieghed li jkun minn tal-ewwel li jigi promos bhala Director, kien diga gie mlahhaq persuna ohra filwaqt li hu kien ghadu ma giex promos, u dan nonostante il-fatt illi l-prestazzjoni tieghu kienet ferm sodisfacenti.*

22) *Illi rinfaccjat b'dan is-CEO prova kemm jista' jkun jevita milli jirrispondi dawn il-mistoqsijiet direttament b'mod car u b'hafna tlaqliq u tidwir tal-kliem, fil-waqt illi minn naha wahda serrah mohh ir-rikorrent illi huwa ser jigi promos, minn naha l-ohra ghall-ewwel darba ta' x'jifhem lir-rikorrent li donnu l-kumpanija kienet qed tbiddel fehmtha fuq dak li kien gja gie miftiehem u dan proprju meta is-CEO qal lir-rikorrent illi m'ghandux ghalfejn jibqa' jiffoka hafna fuq il-promozzjoni, izda minflok ghandu jiffoka fuq d-dmirijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol.*

23) *Illi wara din il-laqgha u lejn l-ahhar ta' Lulju 2014, l-istess rikorrent kellem lid-direttur tar-Rizorsi Umani u saqsieh dwar il-promozzjoni li kienet giet mwieghda lilu u li dwarha kien ghadu ma sema' xejn.*

24) *Illi ftit ijiem wara, waqt il-mid-year performance review ir-rikorrent gie informat mill-interim Chief Marketing Officers illi l-Bord tad-Diretturi kien iddecieda illi ma kienx ser jippromwovi lir-rikorrenti sa l-ahhar ta' Lulju 2014 kif miftiehem f'Awissu tal-2013 – u l-ebda raguni ma inghatat ghal-din id-decizjoni.*

25) *Illi rinfaccjat b'din id-decizjoni u dizappuntat ferm, ir-rikorrenti talab laqgha mad-Direttur ta' Rizorsi Umani biex jinghata spjegazzjoni ghad-decizjoni surreferita, izda minkejja din ir-rikjesta li saret izjed minn darba, din il-laqgha ta' spjegazzjoni baqghet ma saritx.*

26) *Illi sussegwentament, ir-rikorrent baqa" jsaqsu ghal-ragun li setghet tiggustifika id-decizjoni li s-socjeta' hadet li tmur lura fuq kelmitha u li ma tatix lir-rikorrent il-promozzjoni illi hija kienet wieghditu. Illi dan baqa' sejjer ghal aktar minn sena u wassal gal-sitwazzjoni fejn is-socjeta' intimata sahansitra ivvittimmizzat lir-rikorrent, meta nhar l-1 ta' Gunju 2015 is-socjeta' intimata harget twissija 'finali' rigward numru ta' alleggazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, mighajr ma semghet jew tat ic-cans lir-rikorrent jirrispondi dwar l-istess allegazzjonijiet – u dan meta huwa ma kien qatt qabel ircieva ebda twissija la bil-miktub jew bil-fomm.*

27) *Illi b'risposta ghall-Final Written Warning, ir-rikorrent Stephan Heilmann irrisponda bil-miktub permezz ta' email (annessa u mmarkata bhala DOK SH10) fejn cahad l-allegazzjonijiet infondati tas-socjeta' u staqsa ghalfejn dawn kienu qieghdin isiru f'dak il-punt u mhux fiz-zmien meta sehhew l-allegati incidenti.*

28) *Illi wara l-hrug tal-hekk immsejha 'final written warning', is-sitwazzjoni tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol marret ghall-aghar tant illi ir-rikorrent hass illi s-socjeta' intimata qatt ma kellha l-intenzjoni li tisma u tagixxi a propositu tal-ilment gustifikabbli li kellu r-rikorrent, u li l-intenzjoni tas-socjeta' specjalment wara l-hrug tal-Final Written Warning (li kienet fabbrikata) u l-laqgha mas-CEO, kienet biex tbezza u tiskoraggixxi r-rikorrent millli jiggieled ghad-dritt tieghu, dritt illi jinghata spjegazzjoni cara u ekwa li tiggustifika ghalfejn ma kienx gie promos kif kien mwieghed permezz tal-addendum fil-kuntratt.*

29) *Illi fid-dawl tal-fatt illi kienet ghaddiet kwazi sena mid-data li fiha kellu jigi promos, u tal-fatt illi l-bieb tas-socjeta' kien maghluq ghalih u ghad-diskussjoni rigward l-ilmenti tar-rikorrent, r-rikorrent hass illi kellu bzonn jeskala l-azzjonijiet tieghu u talab lil-avukati sottoskritti biex jibghatu ittra legali f'ismu u jressqu ilment formali lis-socjeta, sabiex juri illi huwa kien qed jiehu din il-kwistjoni bl-akbar serjeta' u xtaq li huwa jinghata dak li kien mwieghed lilu u dak li kien haqqu bi dritt.*

30) *Illi nonstante l-ittra legali mibghuta nhar is-26 ta' Gunju 2015 (annessa u mmarkata bhala DOK SH 11) fejn ir-rikorrent interpella s-socjeta intimata' biex taghtih dak li kien gie mwieghed bil-miktub, jew ghallinqas illi tersaq f'diskussjonijiet biex tinstab soluzzjoni arrikevoli, is-socjeta' kompliet turi l-indifferena kbira taghha, meta mhux talli ma rrispondietx l-ittra tar-rikorrent li dak iz-zmien kien ghadu impjegat shih tas-socjeta', izda lanqas biss irrikonoxxiet il-fatt illi kienet ircieviet din il-komunikazzjoni formali minghand ir-rikorrent.*

31) *Illi in vista ta' dan, u tal-fatt illi nonostante l-ittra legali, huwa kien ghadu fid-dlam rigward ir-ragunijiet wara t-trattament li kien qieghed isofri, ir-rikorrent baghat it-tieni ittra legali (annessa u mmarkata bhala DOK SH 12) nhar is-16 ta' Lulju 2015, fejn rega' interpella s-socjeta' biex tisma l-ilmenti tieghu u ssib soluzzjoni amikevoli ghal din il-kwistjoni.*

32) *Illi wara din t-tieni ittra u hafna dewmien, s-socjeta intimata, tramite r-rapprezentanti legali taghha, informat lir-rikorrent illi ma kinitx disposta issib soluzzjoni amikevoli ghal-ilment tar-rikorrent.*

33) *Illi l-incidenti sopracitati sfortunatament hallew u qeghdin ihallu impatt konsiderevoli fuq ir-rikorrent u il-karriera tieghu krejaw dubju ingustifikat dwar il-kapacitajiet tar-rikorrent f'mohh il-kollegi tieghu, imminaw l-awtorita' u l-pozizzjoni tal-istess rikorrent fi hdan is-socjeta' intimata u holqu element qawwi ta' diskriminazzjoni u vittimizazzjoni fuq il-post tax-xoghol, li wasslu biex ir-rikorrent ihossu skomdu jahdem f'din l-istess socjeta'.*

34) *Illi rinfaccat b'dan kollu ir-rikorrent baghat ittra formali ta' rizenja forzata datata 27 ta' Lulju 2015 (vide DOK SH 13) fejn spjega illi ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief illi jirrezenja u jitlaq l-impjieg. Illi din ir-rizenja forzata jew constructive dismissal hija l-mertu ta' kawza miftuha quddiem l-Onorabbli Tribunal Industrijali nhar it-18 ta' Awissu 2015 li ser tisma u tiddenciedi jekk ir-rizenja forzata tal-istess rikorrent kinitx bi ksur tal-Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta;*

35) *Illi minghajr preguidizzju ghall-kawza rigward it-tkeccija ingusta, u irrispettivament mill-ezitu tal-istess kawza, ir-rikorrent jikkontendi illi d-decizjoni tas-socjeta intimata illi tmur kontra l-kelma u l-wieghda tagha li tippromwovi lir-rikorrent ghall-kariga ta' Director of Online Marketing sa Gunju 2014, tammonta ghall-ksur flagranti tal-vinkolu kuntrattwali bejn il-partijiet u b'dan imur kontra l-principju bazilari ta' pacta sunt servanda, li ma jippermettix lis-socjeta intimata li ma tottemprax ruhha mall-kundizzjonijiet minnha stess liberament patwiti;*

36) *Ill frott l-inadempjenza u l-ksur flagranti tal-addendum soppracitat, r-rikorrent ma hax il-promozzjoni ghall-kariga ta' Direttur, b'dan iwassal ghat-telf tal-istess zieda fil-paga li huwa kien mwieghed li ser jiehu sa min Gunju 2014.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

(i) *Tiddikjara u tiddeciedi illi bid-decizjoni taghha li ma tatix il-promozzjoni mwieghda lir-rikorrent, is-socjeta' intimata agixxiet bi ksur tal-addendum ghal-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent datat 16 ta' Awissu 2013 u li hija b'hekk responsabbli ghad-danni naxxenti min da nil-ksur;*

(ii) *Tilikwida d-danni dovuti lir-rikorrent, rapprezentanti primarjament id-differenza fil-paga li hu kellu jircievi sa minn Gunju 2014 li kieku gie promoss kif mwieghed ghall-kariga ta' Direttur;*

(iii) *Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent d-danni hekk kif likwidati;*

*Bl-imghax u l-ispejjez a karigu tas-socjeta' intimatain li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' esponenti Tipico Co Limited (Kumpanija Registru Numru C 34286) a fol 48 li taqra hekk:

1. *Illi s-socjeta' esponenti ma taqbilx mal-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu;*

2. *Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa kien gie promoss mis-socjeta' esponenti bhala Director of Online Marketing u li tali promozzjoni kienet xi "done deal" hija infondata;*

3. *Illi kif jixhed l-istess Addendum tas-16 ta' Awwissu 2013 (Dok SH 5) hekk pprezentat mir-rikorrent, ma sehh l-ebda ksur ta' l-ebda klawsola minn dan l-Addendum, dan ghaliex is-socjeta' esponenti espremiet biss possiblita' u bl-ebda mod ma obbligat ruhha illi effettivament tippromwovi lir-rikorrent ghall-kariga hawn fuq imsemmija. Ghalhekk is-socjeta' esponenti zammet diskrezzjoni assoluta dwar jekk tinghatax it-tali promozzjoni o meno;*

4. *Illi s-socjeta' esponenti ghamlitha cara fl-istess skrittura illi sabiex tikkunsidra tippromwovi l-istess rikorrent huwa kellu jissodisfa certa kriterji illi ghas-socjeta' esponenti kienu mehtiega ghall-assunzjoni u l-izvolgiment tal-kariga u grad ta' direttur, liema kriterji ma gewx milhuqa mir-rikorrent.*

5. *Illi kuntrarjament ghal dak allegat, ir-rikorrent effettivament kien inghata ragunijiet ghalfejn ma kienx promoss ghall-kariga ta' Director of Online Marketing, tant hu hekk illi l-istess socjeta' esponenti ipproponiet development plan sabiex l-istess rikorrent jakkwista dawk il-kwalitajiet mehtiega ghal kariga ta' direttur u li kienu nieqsa fir-rikorrent, liema nuqqasijiet ghalhekk kienu ta' xkiel ghall-promozzjoni tar-rikorrent fil-kariga hawn fuq imsemmija;*

6. *Illi minkejja l-isforzi tas-socjeta' esponenti, ir-rikorrent irrifjuta t-tali pjan ta' zvilupp u xhur qabel ma effettivament irrizenja mill-impjieg tieghu ddikjara illi ma kellux hsieb li jkompli jahbem mis-socjeta' esponenti fil-futur;*

7. *Illi l-iskop tal-Addendum tas-16 ta' Awwissu 2013 ma kien bl-ebda mod relatat mal-imsemmija promozzjoni kif allega r-rikorrent, izda relatta maz-zieda fil-paga tar-rikorrent.*

8. *Illi z-zieda fil-paga rizultanti msemmija fl-istess skrittura, bl-ebda mod ma nghatat lir-rikorrent bhala xi sinjal ta' obbligazzjoni da parti tas-socjeta' esponenti ghall-promozzjoni tar-rikorrent fil-kariga ta' Director of Online Marketing. It-tali zieda fil-fatt inghatat lir-rikorrent bhala aggustament fil-paga illi r-rikorrent kien jippercepixxi fil-kariga tieghu bhala Head of Department u dan sabiex it-tali paga tkun kommensurata mal-istess kariga skond il-prattika fis-suq;*

9. *Illi b'referenza ghal Final Warning moghti lir-rikorrent u datat l-1 ta' Gunju 2015 (Dok SH 11) hekk pprezentat mir-rikorrent, l-imgieba tar-rikorrent kienet fil-fatt tiggustifika l-ghoti tal-istess twissija, u ghalhekk m'huwiex minnu illi t-tali twissija inghat lir-rikorrent b'xi skop ulterjuri hekk kif gie allegat;*

10. *Illi ir-rikorrent ghazel minn jeddu illi jirrizenja mill-impjieg tieghu mas-socjeta' esponenti u fl-ebda moment huwa gie imgieghel illi jaghmel dan;*

11. *Illi in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ratione materie ta' din il-Onorabbli Qorti in kwante illi kwistjonijiet bhal dawn msressqa quddiem din il-Qorti huma vestiti esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, kif jirrizulta mill-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta dan ghaliex il-kuntratt ta' mpjieg huwa kuntratt specjali regolat b'ligi specjali, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti teccepixxi l-lis alibi pendens stante li bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi hemm diga' proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali;*

12. *Illi ghaldqstant, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.*

Rat id-decizjoni taghha, li inghatat fl-14 ta' April 2010, (a fol 137 et seq);

Rat id-decizjoni taghha, li inghatat fit-2 ta' Marzu 2006, (a fol 149 et seq);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet in-nuqqas ta kompetenza *rationae materie* ta' din il-Qorti in kwantu kwistjonijiet bhal dawk mressqa permezz ta' din il-kawza jaqghu that il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, kif jirrizulta mill-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Waqt it-trattazzjoni, id-difensur legali tas-socjeta ntimata qal illi 'per se' m'hemmx eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni, izda peress illi din l-eccezzjoni qatt ma giet formalment irtirata, il-Qorti xorta wahda trid tiddisponi minnha.

L-Artikolu 75 (1) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

> “[m]*inkejja kull ma jinsab f’kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
> *(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
> *(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti preskritti taħtu…*”

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Vella vs General Workers Union** deciza fit-30 ta’ Settembru 2010, din l-Qorti diversament presjduta rrilevat illi:

> “[g]*handu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta’ Malta b’deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk,* ***salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b’ mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal****. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*”

Min qari tar-rikors promotur, ma jidhirx illi l-ilment tar-rikorrent f’dawn il-proceduri huwa ta’ tkeccija ingusta, u ghalhekk is-subinciz (a) ma japplikax fic-cirkostanzi. Fir-rigward tas-subinciz (b) imbaghad, inghad illi:

> “*…mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn ezami tas-seba’ taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghatTribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa’ taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-*

*Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess.*"[1]

F'dan il-kaz jidher illi l-ilment tar-rikorrenti huwa ta' natura *ex contractu,* u dan billi l-ilment tieghu jirrigwarda l-fatt illi ghalkemm huwa kien gie imwieghed *promotion* sa data partikolari f'kaz illi jigu sodisfatti il-kondizzjonijiet stipulati fi-kuntratt, is-socjeta ntimata naqset milli taghtih din il-*promotion* minghajr raguni valida. Rigwar ilmenti ta' din in-natura f'cirostanzi simili inghad fis-sentenza hawn fuq citata fl-ismijiet **Karmenu Vella vs General Workers Union** illi:

> …***il-vertenza specifika li hija mertu ta` din il-kawza hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-qrati ordinarji****. Fir-rigward ta' l-istess Taqsima II, din il-Qorti tghid b`mod generali li anke ghall-kwistjoni tal-gurisdizzjoni, id-disposizzjonijiet taghha ma ghandhomx jigu interpretati b`mod li l-partijiet jigu mcahhda mid-drittijiet akkwiziti taghhom anke fil-kuntest tas-subinciz (4) tal-Art.5 li jaqra hekk : Xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta' servizz jew xi ftehim kollettiv skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att jew ta' xi ligi ohra, inkluz il-Kodici Civili.*"

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Charichelon Company Limited vs Amanda Greaves** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Frar 2014 inghad illi:

> "[i]*l-vertenza specifika li hija mertu ta` din il-kawza hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-qrati ordinarji u dan ghaliex it-talba tas-socjeta' attrici hi sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha somma flus kif imsemmija fir-rikors promotur rapprezentanti penali talli hija qabdet u tterminat il-kuntratt unilateralment. Ma jirrizultax mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta x'inhuma llanjanzi taghha il-ghala dan il-kaz ghandu jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Jirrizulta biss li l-*

---

[1] **Charichelon Company Limited vs Amanda Greaves,** Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza 12 ta' Frar 2014.

> *konvenuta qed tallega li hija kellha kull ragun sabiex tieqaf mill-impieg taghha u dan ghaliex kellha ragunijiet sufficjenti. Pero' su due piedi din l-allegazzjoni mhix bizzejjed sabiex terroga gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali."*

Ghalhekk, galadarba jirrizulta illi l-vertenza de quo hija *ex contractu,* din il-Qorti ghandha l-kompetenza *rationae materiae* sabiex tiddisponi minnha.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet alternattivament il-*lis alibi pendens* '*stante li bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi hem diga' poceduri pendent quddiem it-Tribunal Inustrijali.'*

L-Artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "*Meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anatoli Reznikov et vs Nikolai A. Kotivov pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Marzu 1993 intqal rigward l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* illi:

> *"the essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the cause of the demand."*

Il-Qorti rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali li jinsab ezebit a fol 67 *et seq* tal-process, fejn jirrizulta illi l-vertenza f'dik il-kawza tirrigwarda allegat *constructive dismissal* tar-rikorrent mis-socjeta ntimata u fejn saret ukoll talba ghall-likwidazzjoni ta' danni sofferti stante l-allegata tkeccija ingusta. F'din il-kawza imbaghad, dak li qed jintalab mir-rikorrenti huwa dikjarazzjoni illi s-socjeta ntimata kisret l-obbligi

kontrattwali taghha meta huwa ma giex promos f'Awissu 2013 kif pattwit, u sabiex is-socjeta ntimata tigi ordnata thallas lir-rikorrenti id-differenza fil-paga li kien ikun intitolat ghaliha li kieku gie promos kif pattwit.

Jirrizulta car illi dawn iz-zewg kawzi m'ghandhomx l-istess oggett, ghaliex filwaqt illi l-kawza li giet intavolata quddiem it-Tribunal Industrijali tirrigwarda allegat *constructive dismissal* u d-danni inkorsi minhabba l-istess tkeccija, il-kawza de quo tirrigwarda kwistjoni kontrattwali li hija kompletament indipendenti mill-kwistjoni ta' tkeccija ingusta o meno pendent quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ghalhekk anke l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* hija nfondata u qed tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta ntimata kontenuti a par. 11 tar-risposta guramentata, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**